MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2013

Numru. 535/2013

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Robert Fenech, iben Raymond u Concetta nee` Borg, imwieled Pieta` nhar il-25 ta` Settembru 1980, residenti 15,Blk B, Triq Bertga K.Ilg, San Giljan u detentur tal-karta ta` l-identita 43480M

Talli;

1) Nhar it-22 ta` Mejju 2013 ta` Mejju 2013 ghal habta ta l-ghaxra ta` filghaxija (10.00P.M) f`San giljan u/jew fil-vicinanzi, minghjar il-hsieb li joqtol jew jqieghed il-hajja fil-periklu car, ikkaguna ferita ta` natura gravi fil-gisem ta` missieru Raymond Fenech.

2) Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontrajmanet kiser il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b`ghajjat u glied.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

**Ikkunsidrat;**

Illi f'din il-kawza, ix-xhieda principali kienu missier u omm l-imputat li, meta gew mistoqsija mill-Qorti jekk ridux jixhdu kontra binhom, huma ghazlu li ma jixhdux. Di fatti, Raymond Fenech talab lil din il-Qorti sabiex, ai termini tal-Artikoli 543, 544 u 545 tal-Kap 9, jitwaqqfu l-proceduri kontra ibnu. Il-Qorti rat ukoll l-Artikolu 633(2) tal-Kap 9 u rat illi jkun fl-ahjar interess tal-partijiet li kemm il-missier kif ukoll l-omm ma jixhdux kontra binhom.

Illi ghalhekk l-unika xhieda ohra kienu biss it-tabiba li ezaminat lil Raymond Fenech u l-Ufficjali tal-Pulizija li investigaw il-kaz. Dawn kollha xehdu fuq dak li sabu wara li kienu sehhew il-fatti tal-kaz, izda hadd minnhom ma ra l-istess fatti jsehhu di xjenza proprja. Ghalhekk ix-xiehda taghhom hija fl-ahjar ipotesi 'detto del detto', u wehidha mhix sufficjenti biex tinstab htija fl-imputat. Il-Qorti tista' tippresumi x'kienu l-fatti li wasslu ghal din il-kawza, izda fl-assenza ta' xhud li jikkonferma ezatt x'gara, ma hemmx triq ohra hlief li ma tinstabx htija fl-imputat.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 216(1)(iii), 222(1) (a) u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Din il-Qorti ma tistax issib lill istess imputat Robert Fenech hati kontra l-akkuzi kontra tieghu u ghal daqstant qeghda tilliberah.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputati.

**ANTHONY J. VELLA BA, LL.D., MA**
**MAGISTRAT**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------